

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RAKKOMANDEZZJONIJIET

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-31 ta' Marzu 2017

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique**

**(BĊE/2017/8)**

(2017/C 120/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awtiduri esterni kurrenti tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique, Ernst & Young Bedrijfsrevisoren/Réviseurs d'Entreprises, intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2016. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2017.
- (3) In-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique għażel lil Mazars Réviseurs d'entreprises/Mazars Bedrijfsrevisoren SCRL/CVBA bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2017 sa 2022,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rakkomandat li Mazars Réviseurs d'entreprises/Mazars Bedrijfsrevisoren SCRL/CVBA għandhom jinħatru bħala awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique għas-snin finanzjarji 2017 sa 2022.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-31 ta' Marzu 2017.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI